**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 163/20 AL

**A B**

**vs.**

**C D C E**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors maħluf[1] ippreżentat mill-attriċi fis-6 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet illi:

*1. ILLI A B, zzewwget lill-intimat qua ragel taghha C D C E, fil-21 ta' Dicembru 2019, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, li ai finijiet ta'*

[1] Fol. 1.

*identifikazzjoni u konferma qed jigi esebit kontestwalment ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok. MM1.;*

*2. ILLI kemm fix-xhur qosra ta' qabel iz-zwieg li setghu servew ta' gherusija bejn il-partijiet u kif ukoll waqt ic-celebrazzjoni taz-zwieg u fix-xhur li ssussgwew, l-intimat qatt ma assuma fl-ebda okkazjoni l-irwol tieghu bhala ragel fiz-zwieg bit-tir illi jibni familja bil-valuri kollha li jgib mieghu tali zwieg u naturalment kien jidher car daqs il-kristall illi tali matrimonju civili kien ivvizjat mill-parti intimat, hekk kif gie kkuntrattat bix-xewqa qarrieqa illi l-istess persuna tikseb dokumenti Maltin, sabiex huwa jkollu access liberu u miftuh fl-EU bid-drittijiet kollha ta' resident f'Malta a bazi tal-istess zwieg tieghu u xejn altru;*

*3. ILLI din is-sitwazzjoni halliet effetti detrimentali hafna kemm fuq A B kif ukoll fuq il-familja tagħha li jhossuhom gew mqarrqa, ghal-ragunijiet dak iz-zmien mistura, pero llum cari, illi l-intimat kien sewwa sew ippjana;*

*4. ILLI ghal dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg bejn il-partijiet għandu jigi annullat principarjament abbazi l-Artiklu 19(c), hekk kif bl-aktar mod car il-kunsens taz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalità u motiv tal-parti l-oħra li, minghajr ebda dubju, mix-xorta tagħha, fixklet serjament il-ħajja miżżewġa;*

*5. ILLI huwa maghruf illi skond il-gurisprudenza, sewwa sew fid-decizjoni Louis Agius v. Giorgia Agius deciza fis-19 ta' Ottubru 1988, il-Qorti kwotat lil-L. Wran li kiteb li din il-kwalita trid tikkoncerna '(i) An inherent property of the person, and not some isolated past action; (ii) Present at the time of the wedding; (iii) Grave either objectively or subjectively; (iv) Unknown to the other party; (v) Fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent'. Aktar minn hekk, jidher kif fid-decizjonijiet tal-Qrati nostrana bejn il-partijiet fl-ismijiet ta' David Buhagiar vs. Rosanne Maile deciza fl-24 ta' April 1995, Mary Farrugia vs. Joseph Farrugia deciza fit-13 ta' Marzu 1995 u Evelyn Agius vs. John Borg deciza fl-04 ta' Ottubru 1995, il-kundizzjonijiet sa biex zwieg jigi annullat abbazi ta' raguni serja rispettiva gew stabbiliti hekk: (i) the fraud must be perpetrated with the intention that one obtains the consent of the other party; (ii) the fraud must have had an effect on the consent of the other*

*party; (iii) the fraud must concern a quality of the other party; and quality must, of its nature, seriously disturb matrimonial life;*

*6. ILLI ghalhekk, minghajr bzonn li wiehed jindaga jew jiskrutinja dawn l-elementi rekwiziti, wiehed facilment jifhem kif dawn l-elementi msemmija jinstabu f'dan il-kaz precizament u għalhekk huma sodisfatti. B'hekk dawn l-elementi ghandom iwasslu u jispjegaw għaliex dan iz-zwieg vizzjat għandu jigi annullat;*

*7. ILLI sekondarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, deher b'mod ghal kollox car matul il-hajja illi l-esponenti ghexet flimkien mal-intimat illi l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha;*

*8. ILLI dan il-fattur hareg car immens mhux biss permezz tal-atteggjament morali u fiziku tal-intimat minn meta z-zwieg gie kkoncelebrat stante diversi okkazjonijiet fejn l-esponenti sofriet aggressjoni u vjolenza domestika min-naha tieghu izda ta' min jinnota wkoll kif ser jirrizulta matul dawn il-proceduri, l-atteggjament tal-intimat fil-konfront tal-uniku wild illi l-kontendenti kellhom minn dan iz-zwieg bl-isem ta' O-Gabriel E.*

*9. ILLI fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zwieg bejn il-partiijiet għandu jigi annullat ukoll abbazi l-artiklu 19(f) fejn jidher bic-car illi kien hemm simulazzjoni fil-kunsens tal-intimat illi ikkuntratta dan iz-zwieg purament biex jghaqdi l-motivi tieghu.*

*10.ILLI il-ligi nostrana tispjega kif 'jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ, dan iz-zwieg ghandu jitqies bhala wiehed null.*

*11.ILLI hawnhekk qegħdin nirreferu ghal simulazzjoni tal-kunsens fl-intier tieghu u ghalhekk mhux wiehed parzjali; sitwazzjoni fejn l-intimat qieghed jigi meqjus illi kien kapaci illi jifhem id-drittijiet u l-obbligazjonijiet taz-zwieg u minn xiex verament iz-zwieg jikkonsisti, pero l-intenzjoni*

*tieghu illi jaqdi dawn l-obbligi kienet simulata f'sens illi huwa taha l-impressjoni illi kien qieghed jaccetahom meta fil-verita', b'mod posittiv kienet qieghed jeskludihom, u kkuntratta z-zwieg purament biex jaqdi l-motivi qarrieqa tieghu.*

*12.ILLI s-sitwzzjoni hija intolerrabli għaliex A Milchove sfat vittma ta' din il-mossa qarrieqa u minbarra li diga' u prezentament qeda tbati, hija ma tistax tghix u tibni hajjitha kif kull persuna tixtieq illi taghmel fil-hajja mizzewwga taghha.*

*13.ILLI l-familja tal-esponenti tinsab inkwetata hafna hekk kif l-intimat C D C E rnexxilu jilghab bit-tifla taghhom, ghaliex fi kliem iehor, rnexxilu jinganna mhux biss il-familja stess, imma bl-awtoritajiet Maltin u anke dawk Ewopej, u ghalhekk, l-esponenti tixtieq illi jintemmu dawn l-abbuzi kollha min-naha tieghu darba għal dejjem.*

*14.ILLI ormai dan iz-zwieg mhux biss tkisser irrimedjbilment izda tista' tghid illi zwieg qatt ma ezista. Ghalhekk, l-esponenti ma kellha ebda ghazla hlief illi immedjatament tasal ghal dawn il-proceduri definittivi, wara li pprovat taghmel kollox sabiex issalva, jew ahjar, tghajjex dak li qatt ma ezista.*

*GHALDAQSTANT, l-esponenti umilment qieghda titlob lil din il-Wisq Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:*

*A) TIDDIKJARA U TIKKONFERMA, illi z-zwieg bejn A B, u bejn l-intimat C D C E, illi gie ccelebrat fid-21 ta' Dicembru 2019 permezz taz-zwieg civili bir-Registru Pubbliku, jigi dikjarat bhala null u invalid ai termini tal-Artiklu 19(c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, occorrendo billi wkoll jigi konfermat illi A B, detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 0212240(A) stess, kienet il-parti in buona fede ghal dan iz-zwieg;*

*B) SUBORDINAMENT, TORDNA sabiex isiru l-annotazzjoniijet fl-Att taz-Zwieg ta' bejn il-partijiet fuq tali decizjoni gudizzjarja.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimat u bl-ingunzjoni tal-initmat in subizzjoni ghal dawn il-proceduri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-att taż-żwieġ tal-partijiet[2] li jġib in-numru progressiv 3570 tas-sena 2019;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[3] fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*1. Illi in linea preliminari, in kwantu l-ażżjoni attrici hija bbażata kemm fuq il-kawżali kontemplati fl-artikolu 19(1)(d) kif ukoll fuq l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni attriċi ma tistax tipproċedi stante illi dawn il-kawżali huma kontradittorji għal xulxin u waħda teskludi lil oħra;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u fil-mertu, ma jeżistux l-estremi legali biex iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti jiġi dikjarat null. L-allegazzjonijiet lanċjati kontra l-esponenti fir-rikors promotur huma abbużivi, inveritiera u malafamanti għax kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-kawża, l-esponenti fehem u qeda l-obbligi matrimonjali tiegħu fl-intier tagħhom. Illi ż-żwieġ ta' bejniethom huwa wieħed validu u ma kien hemm ebda difett għall-kunsens taż-żwieġ li jista' jiġi addebitat lil-esponenti;*

*3. Illi l-esponenti jiċħad bl-iktar mod kategoriku bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu inkluż iżda mhux limitatament illi hu inqeda b'dan iż-żwieġ sabiex jakkwista drittijiet ta' residenza ġewwa Malta u l-Unjoni Ewropea, illi hu eżerċita xi forma ta' qerq fuq ir-rikorrenti, kif ukoll illi hu kien aggressiv u vjolenti lejha;*

*4. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontriha stante li ma jirriżultawx;*

*Salvi, jekk ikun il-każ, risposti ossia, eċċezzjonijiet ulterjuri;*

---

[2] Fol. 7.

[3] Fol. 26.

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta’ Frar 2021[4] il-Qorti appuntat lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjajrju f’din il-kawża bis-soliti fakoltajiet u l-verbal tat-22 ta’ Ġunju 2023[5] f’liema udjenza l-Qorti ssostitwiet lil Dr Critien, li ġiet elevata għall-Maġistratura, b’Dr Marita Pace Dimech bl-istess inkarigu;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-partijiet permezz ta’ affidavits;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi minkejja li l-partijiet ingħataw iċ-ċans li jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet[6] huma naqsu milli jagħmlu dan;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[7]

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-azzjoni odjerna

L-attriċi, permezz ta’ din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara ż-żwieġ ikkuntrattat bejnha u l-konvenut ġewwa r-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta fil-21 ta’ Diċembru 2019, null u bla effett fil-liġi u dan a bażi ta’ Artikoli 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) ta’ Kap 255 tal-Liġijiet ta’ Malta peress li hija tgħid li tali matrimonju ċivili kien vizzjat mill-konvenut għaliex ġie kkuntrattat minnu bix-xewqa qarrieqa li jikseb dokumenti Maltin u hekk ikollu aċċess liberu fl-EU; il-kunsens matrimonju kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewwġa, jew fuq id-dirttijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha u dan tgħid li ħareġ mill-

[4] Fol. 29.
[5] Fol. 244.
[6] Verbal a fol. 348b.
[7] Verbal tat-12 ta’ Marzu 2024 a fol. 348b.

atteġjament morali u fiżiku tal-konvenut minn meta ż-żwieġ ġie ċċelebrat *stante* aggressjoni u vjolenza domestika u atteġġjament fil-konfront ta' ibnu; u *stante* simulazzjoni tal-kunsens fl-intier tiegħu f'sens li l-konvenut kien jifhem id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet taż-żwieġ però b'mod pożittiv kien qed jeskludihom u kkuntratta ż-żwieġ purament biex jaqdi l-motivi tiegħu.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jiċħad għal kollox l-allegazzjonijiet tal-attriċi u jgħid li tali allegazzjonijiet huma inveritjeri, abbużivi u malafamanti fil-konfront tiegħu u li ż-żwieġ ta' bejniethom hu validu u ma kien hemm ebda difett fil-kunsens taż-żwieġ.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021,[8] fejn hija tgħid li meta tħares lejn kull ma ġara wara ż-żwieġ hija konvinta li l-konvenut iżżewwiġha biex jottjeni permess ta' residenza hawn Malta. Qabel ma żżewwġu tgħid li kien juriha li kien bniedem onest u ġentili iżda daħaq biha fuq fatti importanti u daħaq ukoll bil-ġenituri tagħha meta tahom x'jifhmu illi kellu intenzjonijiet ġenwini li jibda familja u li ser jieħu ħsieb il-familja.

Għalkemm tgħid li qabel ma żżewwġu kien hemm istanzi fejn kien pastaż magħha u uriha diżrispett, tgħid li l-konvenut kien jiskuża dawn l-inċidenti u jgħid li kienu l-kawża ta' stress u għejja. Wara li żżewwġu, tgħid li ma kull ġurnata li bdiet tgħaddi, l-attitudni tiegħu bdiet sejra għall-agħar fejn tgħid li kien aggressiv magħha, waqaf jirrispettaha, beda jimbuttaha, jsawwataha, jinsultaha, anke meta tqila u kellhom lit-tifel u weġġagħha kemm fiżikament kif ukoll bi kliemu. Tgħid li beda jgħidilha li ma jħobbhiex u hi kienet mistgħaġba b'din il-bidla iżda tgħid li dan kien fil-fatt il-karattru vera tiegħu. Tgħid li ma kienx jista' jikkontrolla r-rabja li kellu u bdiet verament tibża minnu. Tgħid li għaliha kien ovju li kien immanipulaha qabel iż-żwieġ biex tiżżewwġu u jottjendi r-residenza hawn Malta.

[8] Fol. 37 tal-proċess.

Hija tgħid li kien qalilha li kien ilu jaħdem Malta mill-2012 u qal li kellu dokumenti ta' residenza Taljana u li mhux resident illegali Malta, iżda meta kienu qed jirranġaw id-dokumenti għaż-żwieġ tgħid li ħareġ li hu qatt ma kien ħadem b'kuntratt hawn Malta għaliex ma kellux permess għax-xogħol u la kellu numru tas-sigurtà soċjali jew tat-taxxa u lanqas kont mal-Bank.

Tgħid li mill-ktieb tal-kera preżentat jirriżulta illi l-konvenut kien Malta qabel Settembru 2019 u li filwaqt li kien jagħmel xogħol ta strapazz ma ċertu Mark mill-Mellieħa li kien jirreferi għalih bħala Omar (u mhux b'ismu C), qabel ma żżewwġu qatt ma ried jistaqsi għal kuntratt ta' xogħol. Fil-fatt tippreżenta dokumenti mill-JobsPlus li juru li beda jaħdem Malta f'Ġunju 2020[9] u *email* datata 4 ta' Mejju 2020[10] li tgħid li huwa mhux eliġibbli għall-*marriage grant* għaliex qatt ma ħadem Malta. Tgħid li kien biss f'Ġunju 2020 li grazzi għad-dokument ta' residenza li ottjena biż-żwieġ huwa beda impjieg legali. Tippreżenta wkoll kopja ta' profili fejn il-konvenut kien jippreżenta ruħu bl-isem F G u fil-fatt tgħid li meta ltaqgħu f'April 2019 kien introduċa ruħu b'dan l-isem u qalilha li hu nofsu Taljan. Tgħid li din kienet gidba għaliex hu Eġizzjan. Xi profili tiegħu jgħidu li twieled Bujiba jew Reggio Emilia u oħrajn jgħidu li gradwa l-Università ta' Malta. Tgħid li anke krea profil b'isem it-tifel li minnu kien jitkellem ma' nisa oħra.

Meta kellimha l-ewwel darba permezz tat-telefon tgħid li qalilha li twieled Alexandria, l-Eġittu u li hu Musulman u li għex l-Italja minn meta kellu tnax-il sena u ilu jgħix u jaħdem Malta mill-2012. Tgħid li nnutat illi meta ma kienx jeħtieġlu li jippreżenta dokumenti kien jintroduċi ruħu bħala F G. Tgħid li kien juża' ż-żewġ ismijiet u bħal per eżempju fuq is-*supermarket card* kellu l-isem F G. Tgħid li qalilha wkoll li quddiem it-tifel jintroduċi ruħu bħala F u hi kienet ixxukjata b'dan. Tkompli li anke fuq l-età kien daħaq biha għaliex kien qalilha li hu daqsha iżda li mbagħad irriżulta li twieled fl-1989 u mhux fl-1985 u li qatt ma seta' jispjega d-data fuq id-dokumenti uffiċjali.

---

9 Fol. 97.

10 Fol. 98.

Tispjega li marret toqgħod miegħu u ħarġet tqila u tgħid li kien jidher ferħan. Tkompli li ma kinitx tifhem il-gideb tiegħu fejn kien anke jgħid li nesa l-lingwa Għarbija għax kien għex l-Italja minn meta kien żgħir meta mbagħad ħareġ li kien jikkomunika spiss bl-Għarbi. Tgħid li ma kinitx tifhem għalfejn kien jagħmel dan għaliex la hi u lanqas il-familja tagħha ma kellhom l-ebda preġudizzju kontra l-fatt li kien Għarbi u Musulman. Tgħid anke li kien jgħid li qatt ma rritorna l-Eġittu minn meta kellu tnax-il sena u mbagħad irriżulta li kien student ġewwa l-Eġittu u li ma jiftakarx ta' kemm żmien mar l-Italja. Kien jinsisti li hu Musulman modern fejn kien jixrob l-alkohol u ma kienx jiddejjaq li hi tilbes kif imdorrija tilbes. Madanakollu wara li żżewwġu kien beda jirrabja li ssajjar il-majjal.

Għalkemm tgħid li kien jgħid li jrid familja tgħid li maż-żmien irriżulta li l-attitudni tiegħu lejha u lejn it-tifel wera mod ieħor. Tkompli li għalkemm hija kienet għamlithielu ċara li jekk ikollhom tifel ma tridx li jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni u mbagħad meta kellhom tifel insista fuq iċ-ċirkonċiżjoni minkejja li kien jaf li hi ma taqbilx.

Tispjega li wara ż-żwieġ irriżulta li kien jgħir ħafna u spiċċa jinsultaha, joffendiha, jimbuttaha anke meta bit-tifel f'idejha u jwaddab l-affarijiet. Tgħid li daħaq biha anke fuq is-sitwazzjoni finanzjarja li għal kuntrarju ta' dak li kien jgħid qabel irriżulta li ma kinitx waħda tajba u li spiċċa ħa vantaġġ minnha u kien jgħid li ma għandux flus tant li spiċċa lanqas iħallas il-kera. Tgħid li saħansitra meta kienet ser twelled kellha tgħid lil ġenituri tagħha sabiex jagħtuh flus biex jaqbad taxi ħalli joħdilha l-affarijiet li kellha bżonn. Tgħid li meta bdew joqgħodu flimkien kienu jaqsmu l-kera u l-ispejjeż tal-kontijiet. Tgħid li anke kellha tħallaslu ta' vjaġġ lejn l-Eġittu li kien ilu ppjanat u ta' *appliances* fil-post tiegħu stess li qatt ma kellu l-flus biex jixtri. Tgħid li xtratlu wkoll ħafna affarijiet personali u kienet anke tagħtih il-*credit card* tagħha biex jużaha iżda spiċċa jabbuża mill-ġenerożità tagħha. Tgħid li kien jaħbi l-affarijiet li jixtri għalih bi flusha stess. Tgħid li anke l-ġenituri tagħha kienu jixtrulu affarijiet. Tgħid li kien iħallas biss il-kera u meta darba ħallas għal-ikel tat-tarbija għamel għaġeb sħiħ dwar kemm kien ogħli l-ikel u kemm kien qed jiekol it-tifel. Tgħid li ma kienx jaħseb jew jimpurtah fuq kif kienet qed tlaħħaq hi ma' l-ispejjeż kollha. Fil-fatt tgħid li meta beda jaħdem kien beda jaħbi flusu fejn kienet anke sabet flus moħbija fil-Quran kif turi

f'ritratt li tippreżenta.[11] Tgħid li anke talabha nofs il-flus li rċeviet f'allowance għat-tifel.

Tirrakkonta kif kien beda jittratta l-ġenituri tagħha - bagħat ittra legali biex ommha tiżgombra l-appartament fejn kienu offrewlha tgħix u faqa' l-bagalja tagħha u seraq dokumenti. Tgħid li kienu għadhom jiżżewwġu u kienu għadhom qas irċevew kopja tal-Att taż-Żwieġ meta staqsiha biex tmexxi fuq ir-*residence card* tiegħu u fit-12 ta' Jannar 2020 kiteb lil-eResidence Malta. Minn meta rċieva d-dokumenti ta' residenza tgħid li nbidel totalment magħha; raġel bla rispett, jbati bil-burdati u rabja kbira, ma jgħinx fit-trobbija tat-tifel, irresponsabbli u immatur. Tispjega wkoll li sar arroganti in ġenerali għaliex meta qabel kien jara kif ser isolvi kunflitt, issa kien sar arroganti u jaħseb li jista' jhedded u jagħmel li jrid. Tippreżenta kopja tal-messaġġi li kien jibgħat lil sid il-kera fejn tgħid li qabel kien jibża' li tinduna li m'għandux dokumenti u issa beda jheddidha li ser jirraportaha lil pulizija. Tgħid li meta ottjena d-dokumenti waqaf ukoll jaħdem għaliex kien jgħid li x-xogħol itellfu milli jagħmel il-films għaliex hu kien jgħid li hu direttur tal-films. Ma bediex jipprova jsib impjieg u kien spiċċa dejjem id-dar mimdud jgħid li għajjien u jiċċetja fuq l-*internet*. Tgħid li huwa beda jqatta' ħafna ħin fuq l-*internet* kemm ikellem nisa oħra u kif ukoll iħalli kummenti fuq ritratti tagħhom. Tgħid li ndunat li fiż-żmien meta beda jkellem lilha kien qed ikellem lil mara oħra Maltija u meta kienet tistaqsih dwarhom kien isir aggressiv u jgħidilha li dak kien kollu relatat mal-proġetti tiegħu tal-films.

Tiddeskrivi l-biża li kienet tibża' minnu meta kien ikun tant vjolenti magħha u jheddidha u jgħidilha li ħadd mhu ser jgħinha. Hija tippreżenta ritratti tal-allegati abbużi fuqha mill-konvenut. Tgħid li l-vjolenza żdiedet u saret iktar spissa u sar anke kontinwament jheddidha li ser ikeċċiha 'l barra għaliex tuża l-*washing machine*, il-*hair dryer*, il-*heating* fix-Xitwa u l-fan fis-Sajf u jgerger għall-ispejjeż tat-tabib tat-tifel u għax it-tifel jiekol ħafna u dejjem jheddiha li ser jiddivorzjaha. Tgħid li kien jinsulentaha bi kliem oxxen u jidħaq biha fuq kif tilbes, kif timxi, kif titkellem *etc*. Tgħid li kien jgħidilha tagħżel bejnu u bejn il-ġenituri tagħha u ma kienx jieħu gost li hi vicina daqsekk tagħhom u li tgħidilhom fuq kif kien qed jitrattaha. Tgħid li diġà kien hemm rapporti dwaru mal-

[11] Fol. 51.

pulizija minn ex sieħba tiegħu u meta kienu miżżewwġin kien intalab imur ħalli jiġi mitkellem mill-Pulizija dwar dan. Tispjega wkoll li għalkemm ma kienx jaħdem meta twieled it-tifel ma kellha għajnuna ta' xejn minnu, anzi kien jirrifjuta li jgħinha anke biex tistrieħ ftit hi. Tgħid li l-unika interess li kellu l-konvenut fit-tifel kien biex jeħodlu r-ritratti u jagħmilhom *online* anke jekk hi kienet tinsisti li ma jagħmilx dan. Saħansitra darba tgħid li kienet ħallietu ftit miegħu sakemm marret tixtri u biex mar xtara ċikkulata għalih kien ħalla lit-tarbija weħedha.

*Tippreżenta wkoll affidavit ta' H I J-K ossia ommha*[12] li min-naħa tagħha tikkorabora l-verżjoni ta' bintha u tgħid li l-konvenut daħaq b'bintha u filwaqt li taha x'tifhem li huwa bniedem onest u li ried jibni familja magħha, huwa nbidel totalment wara li żżewwġu speċjalment wara li rċieva d-dokumenti ta' residenza.

Hija tgħid li hi u żewġha għandhom relazzjoni *close* ħafna ma' binthom u kienu kuntenti li l-konvenut ikkomunika magħhom meta beda r-relazzjoni ma' binthom. Tgħid li huwa kien introduċa lilu nnifsu magħhom bl-isem F G u qal li nofsu Taljan mingħajr ma kien veru. Bħal l-attriċi tgħid li gideb ukoll dwar l-età tiegħu. Tgħid li l-konvenut kien ipprova jipperswadi lil binthom sabiex jgħammdu lit-tifel b'isem Musulman kif riedu l-ġenituri tiegħu meta huwa stess kien qed juża' isem Taljan.

Tirrakkonta li qabel iżżewwġu, l-attriċi kienet ħarġet tqila u l-konvenut mar mawra ta' xahar l-Eġittu u ħalliha hawn tqila weħedha u lanqas ħallielha flus għal visti tat-tabib, kera *etc*. Anzi kienet hi li kellha tħallaslu l-vjaġġ li kien ilu pjanat. Sadanittant kien jibgħatilha messaġġi b'ritratti tiegħu jieħu gost ma sħabu *etc*. filwaqt li hi kienet hawn tqila, weħedha u tħossha abbandunata. Huma kienu nkwetati li ser ikollu problemi biex jiġi lura Malta għaliex ma kellux id-dokumenti meħtieġa. Tgħid li f'Settembru 2019 niżlu Malta biex jiltaqgħu mal-konvenut u qagħdu f'lukanda qribhom f'Buġibba u trattaw lill-konvenut daqs li kieku binhom u raw li binthom kienet kuntenta f'dan il-perjodu u ħassewhom kuntenti bil-mod kif ġab ruħu l-konvenut. Tispjega iżda li meta bdew jistaqsu lill-konvenut mistoqsijiet iktar personali dwar il-familja *etc.* huwa kien nervuż u huma ħasbu li dan kien minħabba d-differenza fil-kultura. Tkompli li

[12] Intavolat fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021 a fol. 106.

dan is-sens ta' *"nervousness for no reason"* ħareġ ukoll meta żaru l-appartament fejn kienu joqgħodu l-partijiet u meta ma kienx jaqbel ma xi ħaġa kien jgħolli leħnu u jhedded li ser jitlaq. Kien ukoll iqatta' ħafna ħin fuq l-*internet* u meta l-attriċi tistaqsih x'kien ikun qed jagħmel kien jinnervja. Tgħid li huma ħassew differenza kbira fl-attitudni tal-konvenut minn meta kienu jitkellmu miegħu fil-bidu tar-relazzjoni, u issa li l-attriċi kienet tqila u kien ġej it-tieġ. Hu kien jipprova jispjega li jħossu għajjien, iżda dan kien wara li għamel xahar imsiefer ma jaħdimx u li ansjuz minħabba t-tarbija li kienet ġejja.

Tkompli li kienu jindunaw li ħafna drabi meta kienu jistiednu lill-partijiet joħorġu jimxu magħhom, l-attriċi kienet tmur weħedha u hu kien joqgħod id-dar għaliex jgħid li jkun għajjien. Kien jgħidilha biex meta tmur lura tixtrilu xi affarijiet anke meta kienu jkunu mistednin għandhom u hu ma jmurx. Tgħid li hu u qatt ma kien joħroġ jixtri hu u l-attriċi kien ikollha toħroġ tixtri dejjem hi fis-sħana, iġġorr il-basktijiet u tqila kif kienet wara ġurnata xogħol.

Tirrakkonta li l-attriċi marret lura magħhom il-Bulgarija għaliex kellha tirranġa xi dokumenti minħabba t-tarbija u ż-żwieġ u għaliex kellha tagħtihom *Power of Attorney* biex ikunu jistgħu jirreġistrawlha t-twelid u ż-żwieġ kif titlob il-liġi fil-Bulgarija. Tgħid li sakemm kienet hemm l-attriċi, l-konvenut ċemplilha jordnalha sabiex titrasferixxi mitt Ewro lil ommu għal dokument li ħallsitlu. Tgħid li l-attriċi ma riditx u hu baqa' jċemplilhom u jinsisti fuq il-flus. Meta ġiet lura Malta f'Ottubru 2019 tgħid li proponielha u li verament ma tagħmilx sens li mbagħad beda jgħid li bintha riedet taħrab bit-tarbija fiż-żwieġ għaliex kieku riedet tagħmel hekk ma kinitx ser tirritorna mill-Bulgarija. Hija tgħid li bintha kienet kuntenta li kien ser jitwieled it-tifel u li kienet ser tiżżewweġ lill-konvenut. Tgħid li reġgħu niżlu Malta f'Novembru 2019 għaliex kienu inkwetaw fuq l-imġieba tal-konvenut. Tgħid li f'Novembru l-aġir tiegħu kien sar agħar. Tgħid li kien iżjed nervuż u aggressiv f'mumenti wkoll; anke żied fit-theddid lejn binthom. Kull darba tgħid li kien jiskuża dawn l-episodji billi jgħid li kien għajjien mix-xogħol u ansjuz minħabba t-tarbija.

L-omm tirrakkonta li l-attriċi bintha kienet inkwetata fuq dan kollu u li minbarra li kienet bdiet turihom ritratti tal-vjolenza fuq persunta, huma

kienu raw il-ġrieħi meta kienu Malta. Tirrakkonta episodju ta' meta kienu Malta u żewġha organizza ikla u wara l-ikla l-attriċi riedet li jieħdu ritratt fit-triq. Il-konvenut beda jirrabja ħafna u telaq waħdu. Huma kienu offiżi ħafna b'dan u għalkemm missier l-attriċi pprova jkellmu fuq hekk, il-konvenut prova jdawwar l-affarijiet f'ċajta u jaljenahom mill-inċident u l-għada għamel ukoll ta' bir-ruħu li kien ma jiflaħx biex jiġbed is-simpatija. L-attriċi fil-fatt kienet tgħid lil ommha u ommha semgħet lill-konvenut jgħidilha illi kien jaħseb li ser imut żgħir, u tgħid li kien mod kif jimmanipulaha.

Tgħid li telqu lura nkwetati ħafna iżda dak iż-żmien tgħid li kienu għadhom ma esperjenzawx il-vera aggressività tal-konvenut u bħall-attriċi kienu jemmnuh illi kien minħabba x-xogħol u t-tarbija. Tgħid li mbagħad ħassitha *guilty* li ġiet manipulata minnu u li ma għarfitx il-karattru vera tal-konvenut. Tirrakkonta li reġgħu niżlu Malta f'Jannar 2020 meta kienet ser titwieled it-tarbija, b'ħafna oġġetti li l-attriċi ma kienx irnexxilha tixtri wara li skopriet li l-konvenut kien gideb anke fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Tgħid li kienet tibgħatilhom ħafna ritratti tal-oġġetti li kienet ser tixtri biex tixtri kollox kif xtaqu huma. Tgħid li l-attriċi kienet qed tiddejjaq bil-fatt illi l-konvenut ma kien qed jipprepara bl-ebda mod għall-wasla tat-tarbija. Lanqas kien jgħinha fiżikament iġġorr oġġetti bħal *cupboards* u banju għat-tarbija meta tmur tixtrihom. Tgħid li quddiemhom stess kien iwaqqaf lill-attriċi milli tuża *dehumidifier* għall-moffa li kellhom u *heating* fil-kesħa li kienet. Tgħid li l-persuna li kien il-konvenut meta ltaqgħu miegħu f'April 2019 kien għal kollox persuna differenti. Fil-31 ta' Jannar 2020 meta l-attriċi kienet qed tbiddel, ommha rat tbenġila li qaltilha li kien għamlilha l-konvenut iżda ma riditx li ommha tkellmu għaliex riedet iżżomm il-paċi qabel tiġi t-tarbija u diġà kienet għajjiena ħafna.

Tirrakkonta li qabel it-twelid tat-tarbija wara li kellha appuntament l-isptar, il-konvenut qala ġlieda kbira ma sid il-kera u wara dan l-inċident l-attriċi kienet skurmentata ħafna u bdewlha l-*contractions* u kellha tidħol l-isptar twelled. L-omm tirrakkonta li kienet hi li akkumpanjat lil bintha fit-twelid u li l-konvenut missier lanqas baqa' magħha u mat-tarbija bil-lejl iżda mar id-dar għax qal li kien għajjien. Tgħid li kien għamel anke xenata l-isptar minħabba li bagħtuh jixtrilha minn spiżerija u mar biss

wara li missier l-attriċi tah il-flus biex jagħmel dan. Tispjega kemm għamlu xogħol fl-appartament bi preparazzjoni għal meta t-tarbija tkun id-dar u ħafna drabi dan għamluh weħedhom u biex il-konvenut imur l-isptar ħdejn l-attriċi kienu jħallsulu taxi. Tgħid li lanqas biss kien interessat jgħin lil żewġha biex jarmaw is-sodda tat-tarbija.

Tkompli li meta marru sabiex jiġbru lil binthom mill-isptar beda jirrabja meta kienu ser jieħdu xi ritratti fl-intrata u beda jgħajjat li dak ma kienx post fejn għandhom jieħdu r-ritratti. Madanakollu ħadd ma kien waqqafhom jew qalilhom xejn. Fir-rabja li kellu tgħid li ħalla lit-tarbija ġol-*car seat* fuq mejda bis-sogru li l-*car seat* jinqeleb. Tgħid li fil-ġranet ta' wara xejn ma mpurtah li l-attriċi kienet għadha qed tirkupra u kien indifferenti lejha. Huwa baqa' jirrifjuta li tixgħel id-*dehumidifier* minkejja li t-tabiba tagħha stess Dr Chiara Frendo Balzan kienet qaltilha li l-moffa tagħmel ħsara lit-tarbija. Tgħid li kienet torqod iljieli magħhom biex tieħu ħsieb lit-tarbija waqt li bintha tistrieħ ftit. Filwaqt li l-konvenut kien jgħid li għajjien u għalhekk ma jistax jgħin lill-attriċi dan ma kienx iwaqqfu milli joqgħod imqajjem tard bil-lejl fuq l-*internet*. Tgħid li fil-fatt kien ikun irid ritratti waqt li jżomm lit-tarbija u jaħdem quddiem il-computer biex jiġbor il-*"likes"* taħt ir-ritratti fuq il-profili tiegħu.

Qabel telqu, missier l-attriċi kellmu sew u l-konvenut ħalef fuq it-tifel li ser jieħu ħsieb lil martu u ibnu u qallu li hi l-isbaħ ħaġa li qatt ġratlu u li jħobbha u li kollox ser ikun sew. Tgħid li kienet ixxukjata meta binthom bagħtitilhom filmat meħud wara li lanqas kienu għaddew sagħtejn minn meta kellimhom b'dak il-mod, tal-konvenut jerġa' jintilef f'rabja meta kienet qed tnixxef xagħrha u staqsietu biex iżomm it-tarbija. Tgħid li hawn indunaw kemm il-konvenut kien jigdeb u jidħaq bihom. Tgħid li donnu li minn meta kien ġab ir-residenza ħass li għandu awtorità fuq l-oħrajn u jista' jhedded kif irid. Tgħid li lanqas ma kien normali l-attenzjoni kollha li kien jagħti lin-nisa fuq l-*internet*. Tgħid li huma marru lura nkwetati mmens.

Tgħid li reġgħu niżlu Malta fil-bidu ta' Marzu 2020 biex iġibulhom il-pram tat-tarbija u oġġetti oħra, kif ukoll ħafna rigali għall-konvenut. Tgħid li l-partijiet kien qed ikollhom ħafna xi jgħidu għaliex il-konvenut ma kienx ikun iridha tieħu lit-tifel għand it-tabib u tuża *stroller*, *sterlizer* etc. Tgħid

li binthom kienet stressjata u għajjiena ħafna bit-twelid u dak kollu li kien qed jiġri u ma tantx kellha ħalib. Tgħid li l-konvenut ma kienx iħallilha ikel għalkemm kien jaf li kien żmien fejn riedet tipproduċi l-ħalib imbagħad kien jgħidilha li anke l-ommijiet tal-Afrika li qed imutu bil-ġuħ jipproduċu l-ħalib. Dak ix-xahar huwa waqaf jaħdem għaliex iġġieled ma' min kien qed jaħdem u ried jipproduċi l-films. Tgħid li l-attriċi kienet tgħidilhom li għalkemm ma kienx jaħdem u kellha tipprovdi hi għall-familja xorta waħda ma kienx jgħinha. Tgħid li darba l-attriċi qaltilhom li staqsietu fejn kien ħiereġ u hu rrispondiha li sejjer ifittex omm oħra għat-tarbija tagħhom.

Tkompli li l-affarijiet ikkumplikaw ruħhom għaliex dak iż-żmien kienet għada kif tibda l-pandemija tal-COVID-19 u l-attriċi kienet kunsidrata bħala vulnerabbli u għalhekk kienet tiddependi għal kollox fuq il-konvenut għall-ikel u x-xiri. Tgħid li huwa beda jintilef f'rabja tant li jkisser anke affarijiet tat-tarbija u jitfa' affarijiet. Tgħid li l-attriċi qaltilhom li kienet qed tittama li l-affarijiet jinbidlu meta wara argumenti ma' sid il-kera kienu mxew f'appartament ieħor u kienet ħallset id-*deposit* u l-ewwel kera hi. Xejn ma nbidel u għalkemm anke ppruvat tkellem lill-familja tiegħu u bagħtitilhom evidenza tal-aġir vjolenti tiegħu, ħadd ma kellmu. Fis-6 ta' Mejju 2020 tgħid li l-konvenut għamel xenata oħra għaliex ried bilfors jgħaddi lit-tifel mir-rit taċ-ċirkonċiżjoni u lill-attriċi qalilha li l-atturi kollha tal-*porn* kienu jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni u heddidha li jekk ma kienux ser jagħmluha kien ser jitlaqha.

Tgħid li żewġha bagħtlu messaġġi mill-ewwel biex jieqaf b'dan l-aġir u l-konvenut bagħat lura jitfa t-tajn kollu fuq l-attriċi u jwaħħal fiha fuq ħafna affarijiet li huma kienu jafu li ma ġrawx hekk. Tgħid li kompla jigdeb u jipprova jimmanipulaha imbagħad l-għada ħareġ mal-attriċi u t-tifel jidħaq qisu ma ġara xejn u omm l-attriċi tgħid li kienu xxukjati b'din il-bidla. Tkompli li l-attriċi dejjem riedet li tagħtih ċans ieħor, u ieħor u ieħor speċjalment meta f'Ġunju 2020 reġa' beda jaħdem u ttamat li l-affarijiet jikkalmaw kif kienet dejjem tittama. Tgħid li kien kapaċi juri wiċċ b'ieħor u li beda jċemplilha fil-*lunch break* mix-xogħol il-ġdid biex jistaqsi fuq it-tifel u tgħid li għalkemm għall-ewwel l-attriċi ħadet ħafna gost, imbagħad indunat li dan kien qed jagħmlu biss biex jisimgħuh sħabu u fil-fatt id-dar baqa' jinjora lit-tifel u lilha jitrattaha ħażin. Quddiem sħabu kien jagħmel

ta' bir-ruħu li hu missier tajjeb u li jinteressa ruħu fit-tifel. Turi *screenshot* li batitilha l-attriċi fejn l-attriċi tistaqsi lill-konvenut għaliex ma jistaqsix għat-tifel u hu jgħajjarha *animal.*

Tkompli li għalkemm bintha kienet għada miġugħa wara t-twelid il-konvenut ma kienx jgħinha lanqas biex taħsel it-tarbija jew biex iġġorr u għalkemm kien jgħid li għajjien kien imur jiġri wara x-xogħol. Minkejja dan kollu kien itella' ritratti ta' ibnu, anke mingħajr ħwejjeġ fuq l-*internet* minkejja l-insistenza ta' bintha li ma jagħmilx dan. Tgħid li saħansitra tella' ritratt tat-tifel qed jinħasel waqt li l-attriċi u ommha kienu qed jaħsluh. Tgħid li kienu xxukjati kif dan il-bniedem kien qed juża' ritratti ta' ibnu stess (barra ta' nisa u bniet) fuq l-*internet* u saħansitra għamel profil ta' ibnu li kellu biss ftit xhur.

F'Awwissu 2020 tgħid li reġġħet niżlet Malta u bi ftehim magħhom qagħdet fl-istess appartament sabiex hi tkun tista' tieħu ħsieb lin-neputi u l-attriċi tistrieħ ftit u l-partijiet ikollhom ħin għalihom. Madnakollu, tgħid li hemm reġġħet esperjenzat il-karattru vjolenti tal-konvenut u kif kien jirrifjuta li jgħin f'kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-tifel anke meta l-banju tat-tifel kien ikun mimli bl-ilma u tqil u semgħetu jgħid li ma jkollux burdata għat-tifel. Tgħid li dak li kienet qed tara b'għajnejha kien iktar tal-biża' minn dak li kienet tgħidilhom binthom. U minħabba li kienet qed tara kollox, il-konvenut idderieġa anke r-rabja tiegħu lejha.

Tirrakkonta episodju meta sakemm il-konvenut kien ix-xogħol hi qagħdet tagħmlilhom il-*foil* fil-*kitchen cabinets* kif kien qalilha tagħmel il-konvenut. Dan ma spiċċatux f'ġurnata u meta ġie lura mix-xogħol għamel xenata kbira ta' għajjat u storbju, quddiem it-tifel u intilef f'rabja kbira tant li tgħid li xxukkjaha bi kbir. Meta lestiet kollox qal li għoġbitu. Tgħid li qatt ma kien jistaqsi kif inhu t-tifel jew x'hemm bżonn jixtru u d-darba li mar kien qagħad igerger kemm kien ogħli l-ikel tat-tifel u ġab affarijiet li t-tifel lanqas biss seta' jiekol dak iż-żmien. Ma kienx jimpurtah jekk it-tifel m'għandux ikel. Kien anke jinfexx f'rabja meta ma jibqax ikel għat-tifel u jgħid li jiekol wisq. Fil-fatt tgħid li bintha l-attriċi bdiet taħbi l-vażetti vojta tat-tifel biex ma jindunax kemm kien kiel għaliex kienet tibża minnu.

Tgħid li mbagħad beda jgerger fuq ix-xogħol il-ġdid, lanqas kienu għaddew xahrejn minn meta beda u beda jgerger kontra l-boss, kontra l-kollegi u kontra x-xogħol inniffsu meta dawn kienu jitrattawh tajjeb. Fl-okkażjonijiet rari li kien jitlob li jkollu lit-tifel ħdejh, kien jibgaħat messaġġ lil bintha mill-kamra l-oħra biex teħodulu u mbagħad kien ipoġġih ħdejh u jkompli fuq il-mobile u anke jara ritratti ta' nisa bit-tifel ħdejh.

Omm l-attriċi tkompli tgħid li tistgħaġeb b'din il-bidla li rat f'dan ir-raġel minn dak ir-raġel li kienu kellmu fil-bidu tar-relazzjoni. Issa dan ir-raġel kien wieħed li tibża' minnu, li ma jissaportix ma jkunx vjolenti u li spiċċaw kienu jitwerwru minnu. B'daqqa waħda dan ir-raġel, anke minħabba l-istatura tagħhom seta' jweġġa' lill-attriċi b'mod fatali. Tgħid li kull ma kien qed jiġri wassalha biex tikteb lil ommu (u ta' dan tippreżenta kopja tal-messaġġi) u tgħidilha x'kien qed jiġri, iżda ommu ma rrispondietx u ċemplet biss darba fil-ġranet ta' wara tistaqsi kif inhuma. Tirrakkonta inċidenti oħra li tgħid li ġraw f'Awwissu 2020. Tgħid li bintha urietha iktar ritratti u filmati (preżentati) tal-mod kif kien jitrattaha l-konvenut u fil-fatt bdiet temmen li verament bintha u t-tifel kienu fil-periklu, sakemm l-attriċi bintha ddeċidiet li titlaq lill-konvenut. Tgħid li kienu xxukjati bil-kbir bl-evidenza li bagħtitilhom binthom u tgħid li ma tistax tispjega x'ħasset meta rat dak kollu. Tgħid li madanakollu kienet tifhem x'qed jiġri għaliex milli kienet rat hi quddiem għajnejha r-raġel kien kapaċi għal kollox f'dik ir-rabja. Beda mbagħad isegwiha kullimkien u jgħajjat magħha wara li joħdilha r-ritratti.

Tispjega kif fl-aħħar ta' Awwissu 2020 raġel ikkuntatja lill-attriċi u spjegalha li l-konvenut kien f'kuntatt mal-għarusa tiegħu għal snin twal u fil-fatt għal ħafna qabel ma beda jkellem lill-attriċi u ma kienx waqaf meta ltaqa' mal-attriċi. Fl-aħħar tgħid li l-attriċi bintha tant kienet bdiet tibża' mill-konvenut li bdiet tmur torqod fl-istess kamra li kienet qed torqod hi bit-tifel. Fl-1 ta' Settembru 2020 tgħid li bintha l-attriċi għamlet rapport mal-pulizija. Meta l-konvenut irritorna mingħand il-pulizija qalilha li jrid jinfired bil-kwiet minħabba t-tifel u hi ndunat li kien qed jirrekordja dak li kien qed jgħid. Meta qalulu, qalilhom li kienu l-pulizija u l-avukat li qalulu jirrekordja dan. L-għada tgħid li hi u bintha telqu mill-appartament. Tgħid li mbagħad beda jwaħħal fiha li kienet hi l-kawża għat-tkissir taż-

żwieġ ta' bintha meta tgħid li hi għamlet minn kollox biex tgħin lil koppja u lill-bintha li kienet għaddejja minn dak kollu taħt idejn il-konvenut,

*Tippreżenta wkoll affidavit ta' Ventzeslav Milchov Mahlebashiev ossia missierha*[13] li jikkorrabora l-verżjoni ta' bintu u ta' martu u jirrakkonta mill-perspettiva tiegħu l-istess inċidenti li jgħid li raw b'għajnejhom hu u martu, ġenituri tal-attriċi u dak li fetħet qalbha dwaru binthom dwar l-aġir vjolenti tal-konvenut. Jgħid li kien għalxejn li prova jkellmu kemm-il darba u ppruvaw juruh hu u martu li jridu jagħtuhom support. Jinsisti li ra bidla kbira mill-konvenut kif kien qabel ottjena d-dokumenti ta' residenza u l-konvenut kif kien wara. Jgħid li sar arroganti u vjolenti, tratti li ma kienx jurihom fil-bidu tar-relazzjoni.

*Tippreżenta wkoll affidavit ta' L M N*[14] li tixhed li l-attriċi kelmitha dwar il-fatt li żewġha l-konvenut ried jagħmel ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni fuq binhom għaliex kien qalilha li dan jipprevenih milli jkollu l-kanċer tal-prostata fil-futur. Tgħid li l-attriċi kienet inkwetata li l-konvenut kien ser jaqbad jieħu lit-tifel għal din il-proċedura mingħajr il-kunsens tagħha. Tgħid li hi tatha l-parir li dan ir-rit kien biss użanza u ma kinitx meħtieġa medikament. Tirrakkonta li fit-13 ta' Awwissu 2020 kienet marret tara lit-tifel li kellu d-deni wara vaċċin mandatorju li kien ingħatalu u tgħid li nnutat li l-attriċi kienet imwerwra mill-konvenut u dehrilha li ratha pallida u ammettiet b'ħafna emozzjoni li kienet qed tkun soġġetta għal abbuż fiżiku u psikoloġiku min-naħa ta' żewġha. Fil-fatt tgħid li qaltilha biex ma turix lil żewġha li qed tħallasha għax kienet tibża' minnu. Tgħid li l-attriċi urietha wkoll ritratti ta' abbuż li kienet ilha tissubixxi u tgħid li hi tatha l-parir biex tibda proċeduri ta' separazzjoni u annullament.

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:*

Il-konvenut jippreżenta x-xhieda tiegħu[15] fil-forma ta' traskrizzjoni ta' xhieda li kien ta fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet *The Police vs C D C E*.

[13] Intavolat fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021 a fol. 174.
[14] Intavolat fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022 a fol. 231.
[15] Seduta tal-4 ta' Marzu 2024 a fol. 348.

Huwa jixhed illi ltaqa' mal-attriċi f'Mejju 2019 fuq *dating app* meta hi kienet għal btala l-Bulgarija u meta ġiet lura ltaqgħu għal *cafe*. Jgħid li fil-bidu tar-relazzjoni kollox kien perfett u kienu jirispettaw ħafna r-reliġjon ta' xulxin. Jirrakkonta li l-ewwel darba li kellhom x'jaqsmu ma xulxin, l-attriċi nqabdet tqila. Jgħid li kienu jħobbu ħafna lil xulxin u ddeċidew li jsiru jafu lil xulxin bil-mod għaliex issa kellhom xi ħadd (it-tarbija) li kienet tgħaqqadhom u għalhekk jistgħu anke jkunu ħbieb. Jgħid li mingħajr ma sfurzaha qalilha biex tiżżewwġu għaliex fil-kultura tagħhom ma hux sew li jkollok tfal mingħajr ma tkun miżżewweġ u jinsisti li kienu jħobbu lil xulxin. Jgħid li kollox kien perfett sa Marzu 2020 meta bdiet il-pandemija tal-COVID-19. Jispjega li ma setgħux jaħdmu dak iż-żmien minħabba l-pandemija u jgħid li kien perjodu diffiċli għaliex kien jibża' jiftaħ anke t-twieqi minħabba t-tarbija li kienet għada titwieled. Jgħid li kienu ftehmu li ser jaraw kif jiżviluppaw l-affarijiet u jmorru jiżżewwġu l-Italja fejn jgħid li kien hemm il-familja tiegħu u l-Bulgarija għaliex kienu għadhom iżżewwġu biss biċ-ċivil.

Jgħid li l-attriċi kellha tirritorna x-xogħol mill-*maternity leave* iżda baqgħet tipposponi. Jgħid li dak iż-żmien qaltlu li ommha ġejja Malta biex tgħinha u li hi kienet ser taħdem sitt xhur u tieqaf. Jgħid li hu ma kellux problema biex hi toqgħod id-dar u jaħdem hu. Jgħid li meta ġiet ommha l-affarijiet kienu differenti minn meta ltaqa' ma' ommha qabel. Jgħid li bdiet issajjar għalihom biss u kienet anke beżqitlu f'wiċċu u qaltlu li kienet qed tirrekordjah (jippreżenta filmati f'dan is-sens fejn l-omm tidher bil-mobile ġo wiċċu). Jgħid li meta kien hawn omm l-attriċi, l-attriċi waqfet tkellmu u lanqas baqgħet torqod ħdejh. Jgħid li ried jirreġistra lil ibnu l-Eġittu u għalhekk kellu bżonn iċ-Ċertifikat tat-Twelid tat-tifel u meta mar ifittex għad-dokumenti ma sabx id-dokumenti tal-attriċi u tat-tifel u ra li l-bagalja ta' omm il-konvenuta kienet magħluqa b'lock. Jgħid li ħass xi ħaġa tgħidlu biex jiftaħ il-bagalja u fil-fatt meta fetaħha jgħid li sab id-dokumenti kollha ta' ibnu bil-Bulgaru, u dokumenti tal-flat u taż-żwieġ *etc*. Jgħid li ħa d-dokument ta' ibnu għaliex beża li xi ħadd kien ser jaħrab bit-tifel. Ikompli li sab iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel u dokumenti bil-Bulgaru u jgħid li dawn id-dokumenti saru kollha minn wara daru u ħadd ma kien staqsa għall-firma tiegħu. Jgħid li ħa d-dokument tat-tifel ix-xogħol u qattgħu u ħarqu u ħalla ċ-ċertifikat tat-twelid biss għaliex jgħid li kien qed jibża' li jitilqulu bit-tifel.

Jgħid li l-attriċi xi ġranet wara staqsietu għaliex fetaħ il-bagalja t'ommha fejn kien hemm id-dokumenti u flus. Jippreżenta *pen drive* li jgħid li kien fiha wkoll filmat ta' attakk li għamlet omm l-attriċi fuqu minħabba dan l-inċident tal-bagalja. Jgħid li mar għand il-pulizija li bagħtuh għand avukat biex jagħmlilha ittra biex jordnalha titlaq mid-dar.

Jgħid li hu kien jagħmel minn kollox fid-dar isajjar, jaħsel, jieħu ħsieb lil ibnu etc. Jgħid li bil-kwiet qal lil ommha li jekk trid tibqa' għandhom tista' tibqa' imma għandha tħallihom fil-paċi. Jirrakkonta kif fl-1 jew fit-2 ta' Settembru 2020 ċemplulu l-Pulizija għaliex kien hemm rapport dwaru mill-attriċi li qed juża vjolenza kontriha. Huwa jiċħad li uża vjolenza fuqha u li qatt taha xi xeba u jgħid li r-ritratti kollha li tippreżenta l-attriċi huma kollha *fake* u li jista' jkun tbenġil li sar b'xi *make up*. Jgħid li ma kienx vera li mill-ewwel bdew jiġġieldu f'Jannar 2020, wara li żżewwġu u jippreżenta dokumenti fejn jidher li l-partijiet qed jieħdu gost flimkien u fejn l-attriċi qed tgħid kemm hi furtunata li żżewwġet lilu. Jgħid ukoll li għandu *recording* fejn qed jiftehmu li jagħmlu tarbija oħra u ritratti u filmati ta' kemm kien jieħu ħsieb lit-tifel. Jgħid li l-ġenituri stess tal-attriċi kienu jibgħatulu ħafna kartolini u jgħid li huma kienu stiednu lilu u l-attriċi biex iqattgħu żmien għandhom il-Bulgarija u allura jistaqsi kif issa qed jgħidu li kien persuna ħażina. Jiġġustifika n-nisa li kien jitkellem *online* magħhom billi jgħid li dawk kien isibhom, bl-għajnuna tal-attriċi stess, bħala atturi fil-*films* tiegħu.

Il-Qorti fl-istess seduta tirreferi wkoll għal messaġġ li kitbitlu l-attriċi meta kienet l-isptar biex twelled u qaltlu "*Our papa, best papa this she said. You are best mum ever and best wife you said. She said you are our power thank you love and sorry for all negative emotions last 9 months. Then there is a big kiss, a big smooch, and a hug and a heart. Then you replied you did nothing love, I always love you as I swore when we married I said I will love all time. And she said I love all time.*[16]

Fil-kontro-eżami fl-istess kawża jiċħad li hu żżewweġ biex jakkwista d-dritt li joqgħod hawn Malta u jgħid li hu kien Malta legalment għaliex kellu dokumenti Taljani u żżewweġ għax hu u l-attriċi kienu jħobbu lil xulxin.

[16] Fol. 323.

Il-konvenut jippreżenta wkoll kopja tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ[17] u *pendrive* b'filmati u ritratti ta' mumenti sbieħ li kellu mal-attriċi u ma' binhom O.[18]

### 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

F'kawżi fejn il-Qorti tiġi mitluba tiddikjara n-nullità taż-żwieġ, il-Qorti trid teżamina l-mertu b'ħafna galbu sabiex tistabilixxi jekk jissussistux il-kawżali t'annullament mogħtija mill-attriċi, u dan peress illi fir-rigward taż-żwieġ teżisti preżunzjoni ta' validità. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B *noe* vs ED[19]**:

*"Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…*

*In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…"*

---

[17] Fol. 249.
[18] Fol. 248.
[19] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018.

Dan għaliex, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987: *"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."*

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deċiża fis-27 ta' Jannar 2006: *"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

L-attriċi tibbaża t-talbiet tagħha fuq l-Artikoli 19(1)(ċ), 19(1)(d) u 19(1)(f). Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina, fil-mertu tagħhom dawn il-kawżali ta' nullità mressqa mill-attriċi.

Artikolu 19(1)(ċ) jipprovdi illi żwieġ ikun null:

*"(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa*;"

Dwar dan l-Artikolu ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet: **Pierina Micallef vs Bentanfous Amor**[20] fejn gie dikjarat *li " Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta.`*

*1) il-qerq jigi perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*
*2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*

---

[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċit. Nru. 1176/2000/1PS).

*3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra;*
*4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Il-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalità tal-parti l-oħra u li, li kieku tkun taf il-verità il-persuna mqarrqa ma kinitx tidħol għar-rabta taż-żwieġ ma' dik il-parti. "*Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkohol jew bil-logħob tal-azzard, li tahbi tali vizzju jew mard mill-konjugi l-iehor qabel iz-zwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.*"[21]

Illi fir-rigward tal-kawżali kontemplati fis-subincizi (d) u (f) jiġi rilevat, kif ġie ritenut u spjegat repetutament fil-ġurisprudenza, illi dawn tali talbiet huma kontradittorji.

Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) jgħidu illi ż-żwieġ ikun null:

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;"*

u

*"(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ."*

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006: *"L-inkomplattibbilita`*

[21] Kawża fl-ismijiet PM vs IC deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis- 26 ta' Gunju 2023 (Rik. Ġur. Nru. 12/2020 JPG).

*bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li* ***n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita`*** *li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti* ***filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni****, totali jew parzjali."*

Il-Qorti, taqbel fil-fatt mal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fejn jgħid li dawn il-kawżali miġjuba mill-attriċi huma kontradittorji iżda għalkemm tagħraf din il-kontradizzjoni trid tagħmilha ċara li din il-kontradittorjeta` ma twassalx għan-nullità tal-azzjoni, iżda skond liema waħda tkun applikabbli, jekk xi waħda minnhom tkun applikabbli, din se teskludi lill-oħra.

Kif qalet il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Nicholas Agius vs Rita Agius**[22] *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."*

Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Mario Mizzi vs Maris Mizzi**[23] tispjega kjarament din il-kawżali billi tgħid: "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-***inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament** *(jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun)* ***fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."***

Fil-fatt instab fil-kawża fl-ismijiet **ABC vs DE**[24] illi taħt din il-kawżali ż-żwieġ tal-partijiet kellu jiġi dikjarat null: *"Il-provi juru fil-mument taz-zwieg il-partijiet ma gharrfux bizzejjed l-obbligu reciproku li jghixu b'mod li jwaqqfu bejniethom 'a community of love and life'; u wara li zzewwgu*

[22] 25 ta' Mejju, 1995.
[23] 15 ta' Novembru, 2005.
[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Frar, 2009 (Rik. Ġur. Nru. 37/2008NC).

*rrizulta li kienu nkapaci li jagixxu bhala unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. It-tnejn kienu mohhhom fil-hajja taghhom indipendenti minn xulxin u dan kien ta' ostakolu serju ghalihom biex jghixu l-hajja konjugali bl-obbligi essenzjali taghhom."*

Illi l-Artikolu 19 (1) (f) imbagħad jipprovdi illi żwieġ ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. Dan ifisser li dak li jkun ikun fehem eżattament l-elementi essenzjali taż-żwieġ iżda għalkemm juri li jkun qed jagħti l-kunsens tiegħu għal dan, fil-verità jkun qed jeskludi ż-żwieġ b'intenzjoni. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens**[25] illi: "*Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."* Fi kliem ieħor, "*biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri."*[26]

Eżempju ta' dan huwa żwieġ ta' konvenjenza kif tallega f'dal każ l-attriċi. Francesco Bersini fuq is-suggett jgħid: *Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio:*

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-10 ta' Diċembru 2014.
[26] Kawża fl-ismijiet L-Avukat AB vs ED deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta'Jannar 2018 ( Rik. Ġur. Nru. 219/2016RGM).

*avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…*

Partikolari fir-rigward ta' każijiet fejn xi ħadd mill-partijiet ikun ikkontratta ż-żwieġ sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jaħdem Malta, intqal illi: "*Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicita*ment."[27]

4. **Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern**

Mir-rikors ġuramentat kif ukoll mill-provi mressqa mill-attriċi jirriżulta illi t-talbiet tagħha għan-nullita` huma essenzjalment imsejsin fuq il-premessi illi l-konvenut daħaq biha u bil-familja tagħha u ħbielha l-verità u għalhekk li dan iż-żwieġ għandu jiġi annullat a bażi tal-Artikolu 19 (1) (ċ) u dan għamlu għaliex kellu motiv ulterjuri li jakkwista d-dritt ta' residenza u b'hekk kien qed jeskludi ż-żwieġ inniffsu fil-mument tal-kunsens hekk kif jitlob Artikolu 19 (1) (f) u li l-konvenuta qieset iż-żwieġ bħala wieħed ta' konvenjenza. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex teżamina l-provi li nġabu quddiemha u tevalwa jekk dawn il-provi huma konvinċenti u tali li ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-ġudikant illi ż-żwieġ huwa null.

Il-Qorti tagħmilha ċara li f'kawża annullament, l-investigazzjoni ġudizzjarja għandha tiffoka fuq kif u f'liema ċirkostanzi ingħata l-kunsens tal-partijiet għaż-żwieġ. F'dawn il-kawżi, ir-raġuni għat-tifrik taż-żwieġ ma hux relevanti, sakemm tali raġuni ma tkunx riflessjoni ta' l-intenzjonijiet u/jew nuqqasijiet ta' xi waħda mill-partijiet, jew it-tnejn li huma, qabel jew fil-waqt li ingħata l-kunsens.

Dan ifisser illi fil-każ odjern, *in vista* tal-fatt li l-attriċi qed tallega li inħbitilha xi kwalità essenzjali tal-konvenut li altrimenti ma kenitx tiżżewġu, jew ma kellux il-maturità neċessarja sabiex japprezza dak li hu

---

[27] Kwotata fil-kawża fl-ismijiet Mary Azzopardi vs Aref Hamed, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis- 26 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 679/2002/1RGM).

mistenni minnu fiż-żwieġ, jew li l-kunsens tiegħu kien simulat, il-Qorti sejra tikkunsidra l-provi li jirrelataw wara l-għoti tal-kunsens biss u unikament sabiex tara jekk issibx xi korrelazzjoni bejn dawk il-fatti u l-għoti tal-kunsens.

Jirriżulta mill-provi li l-partijiet iżżewġu fil-21 ta' Diċembru 2019, wara għerusija qasira ħafna ta' ftit xhur li fihom l-attriċi nqabdet tqila bit-tarbija tal-konvenut. L-attriċi u l-ġenituri tagħha jixhdu illi fil-bidu l-konvenut kien ħlejju ħafna mal-attriċi u kien jidher li jħobbha u jirrispettaha iżda li dan inbidel wara ftit xhur. L-attriċi tgħid li "*The big problems with my husband C E started shortly after our marriage on 21 December 2019, although even before that he allowed himself to be rude and disrespectful to me..."*[28]

Infatti omm l-attriċi tgħid li meta żaruhom f'Settembru 2019 (jiġifieri qabel it-tieġ) indunaw li l-konvenut kien jirrabja malajr u meta ma kienux jaqblu fuq xi ħaġa kien jgħid *""I'm tired; I will leave the apartment out since December; finish finish.""*[29] Fil-fatt dan jidher li kien il-karattru tiegħu li meta jkollhom argument kien jirrabja u jinnervja. Jirrakkontaw ukoll li fl-istess żjara rawh nervuż u kien hemm episodji li nkwetawhom, anke l-fatt li kien iqatta' ħafna ħin fuq l-*internet*. Isemmu wkoll li ma kienx joħroġ jixtri u jara x'għandha bżonn il-familja u li x-xiri kien ikollha dejjem tagħmlu binthom l-attriċi.

Omm l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid "*My husband and I went to Malta again in November 2019...C's excessive nervousness, his frequent mood swings, and his sudden outbursts of anger. The behaviour that C had in November 2019 and that I saw was even more shocking. C had become even more nervous, for no apparent reason, he was starting becoming angry about small things, he been even aggressive at times. He kept threatening to leave their home, shouting "Finish, finish" in front of our daughter and in front of us."*[30]

Dan l-aġir li l-attriċi u l-ġenituri tagħha jkomplu jsemmu tul ir-relazzjoni tal-partijiet, għalhekk beda tista' tgħid mill-bidu tar-relazzjoni għaliex

[28] Fol. 41.
[29] Fol. 108.
[30] Fol. 109.

wieħed ma jistax jgħid li Settembru -Novembru 2019 ma kienx il-bidu tar-relazzjoni meta l-partijiet jingħad li ltaqgħu madwar Mejju 2019. Il-karattru tal-konvenut għalhekk, bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu deher mil-ewwel u wieħed ma jistax jgħid li kien qed jaħbih mill-attriċi u saħansitra familtha li huma stess jixhdu dwaru.

Min-naħa l-oħra l-konvenut jippreżenta numru sostanzjali ta' filmati meħudha mill-bidu sal-aħħar tar-relazzjoni tagħhom li juru stampa għal kollox differenti minn dak li tixhed dwaru l-attriċi. L-attriċi u l-familjari tagħha jisħqu fuq il-fatt illi l-attur ma kienx jimpurtah mit-tifel u mit-trobbija tiegħu u li l-attriċi kienet qed tagħmel kollox weħedha fil-konfront tat-tarbija. Tgħid li "*After the conclusion of our marriage and when I was already in an advanced pregnancy in December/January 2020 C began to allow himself to hit and push me, in cases where I was interested in what all these women are with whom he was constantly talking on the Internet and whom he was devoting so much time.*" Il-konvenut fil-fatt dan ma jiċħdux, iżda jgħid illi l-attriċi kienet hi stess tgħinu biex isibu lil dawn it-tfajliet għal-films li kien jiġbed hu.[31]

Mil-filmati li jippreżenta l-attur iżda, toħroġ stampa ta' koppja li qed jistennew lit-tarbija bil-ħerqa tant li jmorru jixtru ħwejjeġ għat-tarbija flimkien u jinħass sens ta' kburija għat-tarbija li kienet ser titwieled,[32] jidhru jkellmu lit-tarbija li kienet għada fil-ġuf u jmorru għall-visti għand il-ġinekologu flimkien f'għadd kbir ta' filmati li ttieħdu waqt l-*ultrasounds* tat-tarbija,[33] anke meta nstema' l-ewwel *heartbeat*. F'dawn il-filmati l-omm tidher titfissed ma' żewġha, tidher totalment kalma u ferħana fil-preżenza tiegħu anke tagħmel affarijiet id-dar biex tirrileksja u toqgħod tkellem lit-tarbija li kienu qed jistennew. L-attriċi ma tispjega xejn dwar dan u fil-fatt il-Qorti tieħu l-impressjoni wara x-xhieda attriċi li l-konvenut kien totalment assenti fix-xhur li waslu biex twieldet it-tarbija, mentri fil-verità mhux hekk irriżulta. Tant tidher li kienet ferħana f'dan iż-żmien l-attriċi illi ttella posts fuq il-media soċjali[34] fejn ttella ritratti ma' żewġha juru t-tarbija fil-ġuf (l-omm tidher tippoża u tikteb "*weekend in the park*" fl-1 ta' Frar 2020), post oħra f'Marzu 2020 fejn ttella ritratt tagħha u tikteb

[31] Fol. 313.
[32] Pendrive a fol. 248 (Folder 2).
[33] Pendrive a fol. 248 (Folder 4).
[34] Pendrive a fol. 248 (Folder 'screenshots').

“*sunny day sunny mood, love you my special boy. Love you my amazing husband.”,* post oħra fi Frar 2020 u tikteb *“Happy parents, love you both”, “I never expected all that happiness that you can give it to me when I met you, love you my special boys, I am the most happiest wife and mamma, I will love you with all my heart more and more.”* u ħafna u ħafna oħrajn. Jinġiebu wkoll bħala prova għadd ta’ filmati fejn il-koppja tidher qed tieħu gost tiċċajta flimkien u tidħaq u fejn l-attriċi mill-filmati tidher kuntenta ħafna anke f’dirgħajn il-konvenut fejn tidher komda ħafna anke tbusu u tgħannqu.

Dawn jekk wieħed ma jsemmix il-posts li kien itella’ l-konvenut ifaħħar lil martu, anke b’ritratt ġewwa l-isptar Mater Dei fejn il-koppja tidher *close* ħafna ta’ xulxin.

Dan allura kien fl-istess żmien l-attriċi qed tixhed li kienet tant qed tgħix ħajja ta’ abbuż u fejn kienet qed tagħmel kollox weħedha u kienet imbeżża minnu. Dak li issa kkostatat il-Qorti ma hiex imġieba ta’ mara mbeżża jew skuntenta fir-relazzjoni tagħha. Il-Qorti tinsab perplessa kif prova bħal din hija dijammetrikament opposta għall-verżjoni ta’ l-attriċi li ħlief ħajja ta’ moħqrija ma esperjenzatx.

Il-konvenut jippreżenta wkoll għadd ta’ filmati mat-tifel,[35] fejn jidher li qed jilgħab miegħu u jqatta’ ħin miegħu u fejn l-attriċi lanqas hi preżenti jigifieri fejn kienet qed tafdalu lit-tifel miegħu minkejja li tgħid li bl-affarijiet li kien jagħmel l-attur ma setgħetx tafda lit-tifel miegħu u oħrajn li ttieħdu barra bħala familja fejn jidhru li qiegħdin jieħdu gost u fejn l-attriċi tidher ferħana. Jidhru wkoll listi tas-*shopping* fuq il-mobile[36] tal-konvenut, li kienet tibgħatu jixtri l-attriċi għalkemm l-attriċi u l-ġenituri tagħha jgħidu li dejjem hi kien ikollha tmur tagħmel ix-xiri, fis-sħana u tqila.

Minn naħa l-oħra, iżda, l-Qorti rat ir-ritratti preżentati mill-attriċi u l-familjari tagħha, kemm permezz ta’ *printouts* u kif ukoll permezz ta’ CD, u l-Qorti temmen li kien hemm mumenti fejn il-konvenut kien jintilef f’rabja u minn dik il-ħlewwa li biha kien ikellem lill-attriċi hu kien mbagħad jintilef f’litanija ta’ “*fuck off*” u “*go fuck yourself*”, u juri l-ponn lejha u jidher

[35] Pendrive a fol. 248 (Foldr 8).
[36] Pendrive a fol. 248 (Folder ‘screenshots’).

ser jaggrediha waqt li hi tirrekordja. Dawn it-tratti, kienet x'kienet ir-raġuni għalihom, il-Qorti tistkerrahom u tikkundahom bl-aktar mod aħrax. Madanakollu dan jidher li kien il-karattru tal-konvenut u l-Qorti ma tistax b'hekk tikkonkludi li ried jidħaq bl-attriċi għaliex fil-verità hu kellu dan il-karattru u deher mill-bidu tar-relazzjoni. Jidher li dan kien il-karattru tal-konvenut li f'mumenti jkun fl-aħjar relazzjoni mal-attriċi, imbagħad jiġri xi ħaġa u tintilef dik il-paċi għaliex ma jikkontrollax ir-rabja tiegħu.

Fil-fatt tgħid il-Qorti tal-Maġistrati, fil-kawża kontra l-konvenut, liem sentenza msemmija iktar 'il fuq, ġiet preżentata mill-konvenut stess illi:

*It is sufficient with regards to this charge for the Court to refer to the videos presented by parte civile where the accused appears in most of said videos to be very angry and he is clearly annoyed by the presence of parte civile in the room where he would be situated. He is also seen physically removing parte civile from the room where she remained even though he asked her to leave or to 'fuck off' on more than one occasion and in one particular video he is seen reacting in such a way as though he is going to punch her but falls short from actually punching the parte civile and which behaviour ensures that parte civile leaves the room where he was situated, in order to avoid aggravating circumstances. The Court assumes, that such videos were filmed after the 'document incident' took place between the parties in the presence of the mother of parte civile, since prior to that, it appears that the situation between the parties was a very different one.* ***The court is saying this irrespectively of all the allegations which parte civile made against the accused of violence stemming back to prior to the marriage or the birth of the parties' son as well as irrespective of all the allegations of bad parenting against accused which in the court's views have been put into considerable doubt by all the video documentation exhibited by the accused himself. It is clear from these documents that parte civile was being treated with affection by the accused and same was exchanged by parte civile towards accused not to mention the involvement that accused had during the pregnancy of parte civile up to the day their son was born which trip to the hospital was also video documented coupled with lots of lovey dovey, kisses and I love yous. The Court has no doubt***

***that the Covid pandemic might have caused certain financial strain on the couple and that there may have been arguments but the extent of these arguments and if these where actually tantamount to the grievous situations described by parte civile, the Court has reservations about.***

Il-Qorti ma tħossx illi l-attriċi ppruvat illi l-konvenut b'xi mod daħaq biha fuq xi kwalità minn tiegħu tant essenzjali sabiex jakkwista l-kunsens tagħha, biex b'hekk jiġi sodisfatt l-Artikolu 19(1)(ċ) tal-Kap 255. Anke dwar il-fatt li kien jgħid li nofsu Taljan, dan kienet taf li jagħmlu mill-bidu nett tar-relazzjoni tagħhom. Minn dak li rriżulta mill-provi kien jidher li l-konvenut verament għandu għal qalbu lil martu u ibnu li kien ser jitwieled. Il-Qorti tħoss li kienet iktar nuqqas ta' maturità u preparazzjoni, fejn din il-koppja f'sena waħda ltaqgħu, l-attriċi ħarġet tqila u żżewwġu wkoll. Madanakollu dan ma jfissirx li l-konvenut kien qiegħed jaħbi xi kwalità dwaru nniffsu fil-mument tal-kunsens biex b'hekk jikseb il-kunsens tal-attriċi. Dan jidher li kien il-karattru tal-konvenut li jgħaddi mumenti jkun tajjeb ħafna (mumenti mhux imsemmija mill-attriċi u l-ġenituri tagħha fl-ebda mod) u mumenti fejn jaqbad jirrabja u anke jista' jkun vjolenti fl-imġieba tiegħu. .

Il-Qorti, għalhekk, se tiċħad it-talbiet attriċi sa fejn dawn huma mpostati fuq l-Artikolu 19(1)(ċ) tal-Kap 255, *stante* li ma jirriżultalhiex li l-konvenut qarraq bl-attriċi b'ebda mod la dwar il-karattru tiegħu, la dwar l-identità tiegħu u lanqas dwar ir-reliġjon tiegħu.

Dwar l-Artikolu 19 (1) (d), il-Qorti diġà spjegat li dan l-Artikolu huwa kontradittorju jekk wieħed qed jgħid li b'ħażen xi parti pruvat tikseb kunsens għal skopijiet ulterjuri kif irid l-Artikolu 19(1)(f). Ma nġabux provi li l-attur ma kellux il-kapaċità psikika li jagħraf x'inhu ż-żwieġ u d-dmirjiet fiż-żwieġ, filfatt intwerew għadd ta' mumenti fejn dawn id-dmirijiet kienu qed jitwettqu minnu. Jekk l-attriċi qed tgħid li l-kunsens tagħha nkiseb b'qerq mela allura l-konvenut ried jifhem eżatt anzi x'inhu żwieġ u ried jeskludi pożittivament f'moħħu li jrid iż-żwieġ u li ser jagħti l-kunsens biss biex jilħaq it-tir li għandu f'moħħu. Għalhekk f'dal każ qatt ma jista' jirriżulta li ż-żwieġ kien null a bażi ta Artikolu 19 (1) (d) li jitlob "*n-nuqqas*

*ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

L-attriċi stess fil-fatt tgħid fl-istess rikors ġuramentat[37] illi *l-intimat qieghed jigi meqjus illi* ***kien kapaci illi jifhem id-drittijiet u l-obbligazjonijiet taz-zwieg u minn xiex verament iz-zwieg jikkonsisti*** u għalhekk twaqqa' hi stess din il-kawżali.

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tevalwa kienx hemm dik is-simulazzjoni li jitlob l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255. L-attriċi tgħid li dan kien żwieġ fejn l-għan aħħari tal-konvenut kien mhux għax ried jiżżewwiġha iżda ried li jottjeni d-dokumenti ta' residenza għaliex huwa għalkemm kien ilu Malta qatt ma kien ħadem legalment għaliex qatt ma kellu d-dokumenti meħtieġa, bil-benefiċċji kollha li tali stat iġib miegħu.

Kif diġà ċitat il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suġġett hija fis-sens illi żwieġ ta' konvenjenza jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi ħadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iż-żwieġ innifsu, u għalhekk huwa żwieġ null f'għajnejn il-liġi. Partikolari fir-rigward ta' każijiet fejn il-kunsens ta' xi ħadd mill-partijiet ikun ikkontratta ż-żwieġ sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jaħdem Malta, intqal **f'Magri vs Magri** (hawn fuq ġia ċitata) u f'każijiet simili oħra illi meta ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li t-tnejn jew waħda mill-partijiet tkun ikkuntrattat iż-żwieġ mhux għaż-żwieġ innifsu iżda biex jew tibqa' Malta jew biex tikseb iċ-ċittadinanza *etc*., dik il-parti tkun qed teskludi ż-żwieġ inniffsu b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Kif ikomplu dawn il-każijiet, naturalment wieħed ma jistax jippretendi li dik il-parti li hekk tkun simulat il-kunsens ser tkun ħalliet prova espliċita ta' dan għaliex ħafna drabi dan ma jkunx il-każ, speċjalment jekk it-tali intenzjoni tkun qed issir b'ingann lejn il-parti l-oħra u mhux bi ftehim magħha u għalhekk il-Qorti trid tara jekk it-tali intenzjoni ġietx manifestata impliċitament.

Il-Qorti ma tasalx għal dan il-konvinċiment f'dan il-każ. Il-Qorti tħoss illi l-konvenut verament kellu għal qalbu l-attriċi u għalkemm tagħraf li jista'

[37] Fol. 3 para 11.

kellu problema ta' *anger management* jidher mill-provi prodotti li l-partijiet kienu verament kuntenti flimkien. Il-konvenut seta' kien xi ftit affetwat mill-kultura ta' pajjiżu u mit-twemmin li ried ikun miżżewweġ ladarba kien ser ikun hemm tarbija, xi ħaġa li omm l-attriċi tgħid li xxukjatha, l-istess bħal kwistjoni taċ-ċirkonċiżjoni, li għalkemm wieħed jista' ma jaqbilx, f'relazzjoni inter-razzjali wieħed għandu jkun preparat għal ċerta differenzi li jistgħu jġibu diżgwit jekk mhux diskussi sew.

Madnakollu kif tgħid anke l-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti tħoss illi r-relazzjoni tal-partijiet kellha ħafna mumenti feliċi u l-attriċi stess kienet tħossha komda u ferħana tant li anke tgħid fuq il-media soċjali li hija tant kuntenta, kif fil-fatt tidher fil-filmati li ttieħdu fil-kumdità ta' darhom. Iż-żmien sabiħ ta' bejniethom lanqas ma jidher li waqaf maż-żwieġ, anzi ħafna mill-filmati jidhru minn Diċembru 2019 'l quddiem, meta l-attriċi kienet tqila sew u anke saħansitra meta twieled it-tifel.

Di piu`, ħlief għal dik li hija opinjoni ta' l-attriċi, l-istess attriċi ma ġabet ebda prova konvinċenti, lanqas ċirkostanzjali, li tista' b'xi mod turi li l-konvenut kellu l-intenzjoni li jiżżewweġ proprju biex jakkwista xi dokumenti ta' residenza. L-attriċi torbot l-argument tagħha ma' dak li tgħid hija tibdil fl-imġieba tal-konvenut wara ż-żwieġ, iżda l-Qorti diġà esprimiet ruħha li l-atti juru stampa għal kollox differenti, u tassew il-karattru tal-konvenut kien evidenti mill-bidu nett tar-relazzjoni – u li għalhekk l-argument ta' l-attriċi ma jreġix.

Il-Qorti tħoss li n-nullità taż-żwieġ ma ġietx ppruvata f'dan il-każ għalkemm ġew pruvati fatti li fuqhom jista' wieħed jottjeni s-separazzjoni personali. Kif tgħallem il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Al Chahid vs Mary Spiteri**[38] illi *"wiehed jinnota li taht l-artikolu19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gia mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg"*.

[38] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ġunju 2002.

Il-Qorti ma tħossx li l-konvenut issimula l-kunsens tiegħu fil-mument taż-żwieġ anzi tħoss li huwa kien ħerqan għall-ħajja miżżewwġa. Dak li ġara bejn il-koppja kienu ċirkostanzi li minħabba fihom l-attriċi ma tħossx li kellha tibqa' fit-tali relazzjoni u għalhekk telqet mill-appartament, madanakollu dan ma jfissirx li ż-żwieġ tagħhom kien null.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti ma hix tal-fehma li dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null u għalhekk il-Qorti sejra tiċħad it-talbiet attriċi u tiddikjara ż-żwieġ bejn il-kontendenti iċċelebrat bejn il-partijiet fil-21 ta' Diċembru 2019 bħala validu.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha jiġu sopportati minnha.